

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 8.4.2011  
KUMM(2011) 186 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Evalwazzjoni Interim tal-Programm Konġunt Eurostars**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Evalwazzjoni Interim tal-Programm Konġunt Eurostars

### 1. KUNTEST

Il-Programm Konġunt Eurostars għandu l-għan li jappoġġja lill-SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp billi jikkofinanzja l-proġetti tagħhom orjentati għas-suq u billi jagħtihom il-qafas legali u organizzattiv meħtieġ. Dan huwa bbażat fuq kooperazzjoni Ewropea fuq skala kbira bejn l-Istati Membri fir-riċerka applikata u l-innovazzjoni fi kwalunkwe qasam teknoloġiku jew industrijali. Dan ġie applikat mill-Istati Membri kollha<sup>1</sup> u minn 6 pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru<sup>2</sup>, fil-kuntest ta' Eureka, organizzazzjoni Intergovernattiva Ewropea responsabbli biex tappoġġja attivitajiet li jwettqu Riċerka u Żvilupp l-eqreb għas-suq<sup>3</sup>.

Permezz tad-Deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-UE ddeċidiet li tipparteċipa fil-finanzjament tal-Eurostars<sup>4</sup> b'kontribuzzjoni sa massimu ta' EUR 100 miljun għall-perjodu 2008-2013<sup>5</sup>, ekwivalenti għal massimu ta' terz tal-kontribuzzjonijiet effettivi tal-Istati Membri u tal-pajjiżi parteċipanti l-oħra. Is-Segretarjat tal-Eureka huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm u biex jirċievi, jalloka u jissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE.

Id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq (minn hawn 'il quddiem id-“Deċiżjoni Eurostars”) hija bbażata fuq l-Artikolu 185 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 169 tat-Trattat KE) li, fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas Multiannwali, tippermetti l-koordinazzjoni tal-programmi ta' riċerka nazzjonali, permezz ta' proċedura ta' integrazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri, li tkopri aspetti xjentifiċi, ta' ġestjoni u finanzjarji.

Fid-deċiżjoni Eurostars, il-Parlament u l-Kunsill jirreferu, b'mod partikolari, għall-importanza tal-SMEs għat-tkabbir u l-kompetittività Ewropea, għall-ħtieġa li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jtejbu l-effettività u l-komplementarjetà tal-programmi ta' appoġġ nazzjonali u Ewropej għall-SMEs<sup>6</sup>, għall-importanza tal-promozzjoni tal-innovazzjoni industrijali (inklużi

---

<sup>1</sup> Eurostars inizjalment inkludiet 26 Stat Membru. Permezz tas-sħubija ta' Malta fil-Eurostars f'Ottubru 2010, l-Istati Membri kollha tal-UE jipparteċipaw fiha.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1). Il-pajjiżi assoċjati huma l-Kroazja, l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija.

<sup>3</sup> EUREKA kienet stabbilita permezz ta' Konferenza tal-Ministri ta' 17-il pajjiż u Membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li ltaqgħu f'Pariġi fis-17 ta' Lulju 1985.

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni Nru 743/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Lulju 2008, dwar il-parteeipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (ĠU L 201, 30.07.2008, p.58).

<sup>5</sup> Il-kontribuzzjoni tal-UE ġejja mill-baġit FP7 allokat għar-“Riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs” fil-Programm Speċifiku “Kapaċitajiet”

<sup>6</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill, 25-26 ta' Novembru 2004

rabtiet mal-Eureka, speċjalment b'referenza għall-SMEs), u għall-importanza tal-koordinazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA).

Fil-Komunikazzjoni riċenti tagħha dwar l-Inizjattiva Ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni<sup>7</sup>, adottata fil-kuntest tal-istrateġija l-għdida tat-tkabbir tal-UE “Ewropa 2020”<sup>8</sup>, il-Kummissjoni kkonfermat l-importanza tal-SMEs, speċjalment dawk b'potenzjal kbir ta' tkabbir, li kapaċi faċilment jibdli r-riżultati fi prodotti u servizzi ġodda. Dawn jirrappreżentaw is-sinjala tal-ekonomija Ewropea, filwaqt li jikkontribwixxu bis-saħħa għall-kompetittività u t-tkabbir tagħha. Sar impenn ċar biex jiġu ddisinjati programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE li jiżguraw aċċess sempliċi u involviment aktar b'saħħtu tal-SMEs. Sabiex tilħaq din il-mira, il-Kummissjoni rreferiet ukoll għall-ħtieġa li jintużaw sħubijiet ulterjuri ma' aġenziji tal-Istat Membri, ibbażati b'mod partikolari fuq l-esperjenza tal-inizjattiva Eureka-Eurostars.

Il-Kunsill Ewropew għamel talba qawwija biex jiġu ssimplifikati l-istrumenti ta' finanzjament tar-riċerka u innovazzjoni tal-UE, inklużi dawk għall-SMEs.<sup>9</sup> Il-pajsaġġ Ewropew kurrenti għall-appoġġ tal-SMEs huwa mifrux ferm u l-Kummissjoni Ewropea qiegħda fil-proċess li terġa' tifformula l-approċċ globali. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-SMEs biex jixprunaw l-innovazzjoni fl-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-fattibilità ta' skema ta' Riċerka fl-Innovazzjoni għan-Negozji ż-Żgħar, bħala parti minn eżerċizzju ta' evalwazzjoni ġenerali mmirat biex jissodisfa l-bżonnijiet ta' kumpaniji innovattivi li qed jikbru malajr permezz ta' approċċ ibbażat fis-suq.

Ir-Reviżjoni tal-Baġit<sup>10</sup> ipproponiet li l-firxa sħiħa ta' strumenti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni jaħdmu flimkien f'Qafas Strateġiku Komuni għall-finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni<sup>11</sup>, kunċett li ġie appoġġjat mill-Kunsill Ewropew biex itejjeb l-effiċjenza tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq livell nazzjonali u tal-UE, filwaqt li jippermetti finanzjament uniformi fis-sistema kollha ta' innovazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' strumenti bl-eliminazzjoni ta' duplikazzjonijiet potenzjali.

Id-Deċiżjoni Eurostars tirrikjedi ssir evalwazzjoni interim li ssir sentejn wara l-bidu tal-programm. Din l-evalwazzjoni twettqet minn Grupp ta' Esperti Indipendenti (“Grupp”), ippresedut mis-Sinjura Laperrouze, ex-Membru tal-Parlament Ewropew u l-Viċi President tal-Kumitat ITRE.

Fuq bażi ta' dokumentazzjoni estensiva, studji tal-każijiet, rapporti tal-pajjiżi, u intervisti mal-SMEs u l-partijiet interessati, ir-rapport tal-evalwazzjoni interim (minn issa 'l quddiem ir-“Rapport”) ipprova analiżi tal-aspetti prinċipali tal-programm Eurostars (operazzjonali u strateġiċi) u rakkomandazzjonijiet kemm dwar il-futur fil-qrib u kif ukoll dak iżjed fil-boġħod. Il-Grupp eżamina, b'mod partikolari, il-progress lejn l-għanijiet prinċipali tal-Eurostars li jappoġġjaw lill-SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp u li jalinjaw u jissinkronizzaw programmi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali.

---

<sup>7</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6.10.2010 “Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni” COM(2010)546 finali

<sup>8</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3.3.2010, “Ewropa 2020” Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010) 2020 finali

<sup>9</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011

<sup>10</sup> “Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE” – COM(2010) 700

<sup>11</sup> Green Paper 'Il-bidla ta' Sfidi f'Opportunitajiet: Lejn Qafas Strateġiku Komuni għall-finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE' COM(2011) 48

Dan ir-rapport jipprovi opinjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin espressi mill-esperti.

## **2. EVALWAZZJONI INTERIM TAL-GRUPP TA' ESPERTI INDIPENDENTI: OSSERVAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI**

Skont l-Artikolu 13.2 tad-Deċiżjoni Eurostars, l-evalwazzjoni interim għandha tkopri l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti fl-Anness 1 tad-deċiżjoni Eurostars; inklużi rakkomandazzjonijiet dwar l-iktar modi xierqa sabiex titjieb aktar l-integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja, tiġi evalwata l-kapaċità tal-SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp biex ikollhom aċċess għall-Programm Konġunt Eurostars, u tiġi evalwata l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tiegħu.

Ir-Rapport tal-Grupp kopra dawk l-aspetti kollha u pprova għadd importanti ta' fatti, kummenti u rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni tqis ir-Rapport kollu<sup>12</sup> bħala parti integrali tal-Proċess ta' evalwazzjoni interim stabbilit fl-Artikolu 13.2. Il-Kummissjoni għalhekk, fis-subparagrafi li ġejjin, se tenfasizza biss l-aktar sejbiet/rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar it-triq 'il quddiem u se tiffoka l-osservazzjonijiet tagħha fuq dawk.

### **2.1. Il-progress tal-Eurostars lejn l-għanijiet tiegħu**

#### *2.1.1. Ħtieġa għal Eurostars*

Il-Grupp issuġġerixxa li l-popolazzjoni fil-mira tal-SMEs Ewropej li jwettqu Riċerka u Żvilupp, b'mod konformi mal-għan ewleni spjegat fl-Anness 1 għad-Deċiżjoni Eurostars qed tintlaħaq u li din il-popolazzjoni tipprovi ambjent sostenibbli mill-perspettiva tad-domanda. Il-programm, bit-taħlita partikolari tal-karatteristiċi tiegħu, jidher li jindirizza l-ħtiġijiet reali tal-SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp u attira għadd kbir ta' applikazzjonijiet, bin-numru ta' proġetti kkwalifikati jaqbu l-allokkazzjonijiet tal-baġit oriġinali. Peress li l-approċċ miftuħ tal-innovazzjoni qiegħed isir dejjem iżjed Prattika komuni u l-importanza rikonoxxuta tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-prestazzjoni tal-SMEs, il-Grupp jemmen li l-domanda għal kollaborazzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp internazzjonali mill-SMEs x'aktarx li se tikber. Il-Grupp għalhekk jirrakkomanda li l-Eurostars għandu jitkompla wara l-2013 u li fl-edizzjoni li jmiss tal-Programm Eurostars, il-Kummissjoni Ewropea għandha ttejjji proposta biex tespandi l-baġit, billi tuża klawżoli ta' flessibbiltà, biex twieġeb għad-domanda li qiegħda dejjem tikber.

Il-Kummissjoni tilqa' l-interess qawwi tal-SMEs fil-Eurostars. Se jkun importanti li wieħed jara jekk jinżammx dan il-livell tad-domanda u li l-pajjiżi Eurostars ikunu kapaċi jilħquh. Barra minn hekk, attwalment, il-maġġoranza tal-SMEs parteċipanti diġà kienu involuti fir-riċerka internazzjonali, kif spjegat fil-kapitolu 2.3. Huwa kontestabbli jekk dan jikkostitwixx il-grupp fil-mira intenzjonat. Diskussjonijiet dwar l-allokkazzjoni tal-baġit futur għall-Eurostars għandhom iseħħu fid-dawl tal-iżvilupp ulterjuri tal-programm u eventwalment fil-kuntest globali tal-finanzjament fil-futur tal-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011.

<sup>12</sup> Rapport ippubblikat fuq il-websajt [http://ec.europa.eu/research/evaluations/index\\_en.cfm?pg=fp7-evidence](http://ec.europa.eu/research/evaluations/index_en.cfm?pg=fp7-evidence) under 'Other FP7 Panel Evaluations'

### 2.1.2. *L-impatt soċjoekonomiku tal-Eurostars*

Il-programm Eurostars huwa pjuttost riċenti, għalhekk ftit biss mill-proġetti tlestew sa issa. Kif ġie rikonoxxut mill-Grupp, l-apprezzament kwalitattiv tal-impatt, permezz tal-miżuri ta' addizzjonalità tal-proġett (input, output u addizzjonalità tal-imġiba), huwa diffiċli ħafna finnuqqas ta' dejta konkreta, peress li ħafna minnhom għandhom jinġabru fit-tmiem tal-proġett.

L-istima preċiża tal-addizzjonalità tirrikjedi l-applikazzjoni ta' tekniki xierqa, li jeħtieġu dejta speċifika li l-Grupp indika fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li għandha tinġabar mis-Segretarjat tal-Eureka u mill-Korpi ta' Finanzjament Nazzjonali.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet dwar l-indikaturi ta' impatt u dwar id-dejta meħtieġa li għandhom iwasslu għal evalwazzjoni aħjar tal-impatt tal-proġett li joħloq il-Eurostars. Hija thegħeġ lis-segretarjat tal-Eureka biex jiżviluppa dawn l-indikaturi u jiġbor din id-dejta, mingħajr madankollu ma jimponi piż ta' rappurtar għoli wisq fuq l-SMEs. Il-Kummissjoni se tikkunsidrahom fid-dawl tal-evalwazzjoni finali, li skont id-Deċiżjoni Eurostars se sseħħ fl-2013. Se jkun kruċjali f'dak iż-żmien li jintlaħaq ftehim komprensiv tal-impatt tal-Eurostars fuq in-negozji tal-SMEs parteċipanti.

### 2.1.3. *Finanzjament tal-proġetti eliġibbli*

Fir-rigward tar-riżorsi tal-Eurostars għall-perjodu qabel l-2013, il-Grupp osserva li l-finanzjament disponibbli għal kull sejħa mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-proġetti li jkunu qabżu l-limitu tal-evalwazzjoni. Il-Grupp jirrakkomanda *lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jipprovdu biżżejjed fondi sabiex ikun possibbli li jiġi ffinanzjat sehem akbar ta' proġetti li jilħqu l-limitu tal-evalwazzjoni tal-Eurostars*.

Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni safejn tippermetti l-finanzjament tal-aħjar proġetti kollha skont il-prinċipju tal-fond komuni. Kif imsemmi fid-Deċiżjoni Eurostars, "l-allokazzjoni tal-fondi mill-kontribuzzjoni Komunitarja u baġits nazzjonali allokatu għall-proġetti Eurostars magħżula għandha ssewwi l-ordni tal-lista ta' klassifikazzjoni". Minħabba l-mod kif jaħdem il-mudell ta' finanzjament attwali (mhux ċentralizzat), madankollu jidher li mhuwiex probabbli li żieda fil-baġit twassal għal żieda ekwivalenti ta' proġetti ffinanzjati. Dan jista' jinkiseb biss jekk il-pajjiżi Eurostars jagħmlu dispożizzjoni suffiċjenti għal finanzjament tal-proġetti kollha li għandhom l-aħjar pożizzjoni fil-klassifika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tsserva li d-dejta attwali dwar il-fondi allokatu b'mod effettiv mill-Korpi Nazzjonali ta' Finanzjament turi li s'issa ġie użat biss sehem żgħir mill-baġit. Għandhom jitqiesu wkoll kunsiderazzjonijiet dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja attwali fuq id-disponibbiltà tal-finanzjament f'ħafna Stati Membri.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li wieħed iqis soluzzjonijiet alternattivi, bħar-restrizzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-proġetti kif propost mill-Grupp, jew ir-riallokazzjoni tal-baġit minn sejħiet futuri għal daww attwali, bil-possibilità li l-baġit li ma jintefaqx jintuża s-sena ta' wara.

## 2.2. **Titjib ulterjuri tal-integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja**

Il-Grupp sqarr li, fuq livell kunċettwali, il-Eurostars għandu livell tajjeb ta' integrazzjoni tal-programmi nazzjonali, fit-tliet aspetti kollha (xjentifiċi, ġestjonarji u finanzjarji), billi waqqaf il-korpi ewlenin u l-proċeduri kif imsemmi fid-Deċiżjoni.

Madankollu, xorta jeħtieġ li jsir titjib ulterjuri sabiex jintlaħaq il-livell mixtieq ta' integrazzjoni fuq il-livell ta' implimentazzjoni, speċjalment fl-oqsma li ġejjin: armonizzazzjoni tar-rati ta' finanzjament nazzjonali u r-regoli ta' finanzjament, is-sinkronizzazzjoni u t-tnaqis fil-prattiki tal-ħin għall-kuntratt u l-armonizzazzjoni tar-rappurtar. Dawn l-aspetti, marbuta iktar fil-fond mal-aspetti ta' implimentazzjoni/operattivi tal-Eurostars, huma trattati fil-paragrafu 2.4.

Il-Grupp jirrakkomanda li dawn il-kwistjonijiet importanti jiġu indirizzati permezz *tal-iżvilupp ta' pjan direzzjonali b'punti importanti li jistgħu jitkejlu biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' integrazzjoni u billi jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma permanenti għall-iskambju ta' Prattiki tajba.*

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp bil-għan li jitħaffef iktar il-proċess ta' integrazzjoni. Il-Kummissjoni tistieden lill-pajjiżi tal-Eurostars biex iqisu l-għan tal-integrazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars permezz tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni aħjar tar-regoli ta' finanzjament tal-eliġibbiltà u l-alinjament tal-prattiki ta' finanzjament u ħlas.

Barra minn hekk, il-Grupp identifika u kkummenta fuq “oqsma għal titjib” ulterjuri (indikati hawn taħt) li l-Kummissjoni tqis li huma fundamentali għas-suċċess sħiħ u fit-tul tal-programm, li hu fil-qalba tal-kostruzzjoni tal-Eurostars.

#### *2.2.1. Konformità mar-regoli tal-Eurostars: Kriterji Komuni ta' Eliġibbiltà u Ftehimiet Bilaterali Ffirmati*

Filwaqt li ma jikkumentax fuq il-pajjiżi individwali, il-Grupp jindika li *kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurostars għandhom jiġu applikati universalment fil-pajjiżi parteċipanti kollha. L-ebda pajjiż m'għandu jitħalla jimponi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li jmorru lil hinn mill-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurostars. Il-Grupp jirrakkomanda wkoll li l-Ftehimiet Bilaterali mas-Segretarjat tal-Eureka għandhom jiġu ffirmati mill-Korpi kollha ta' Finanzjament Nazzjonali*<sup>13</sup>.

Il-Kummissjoni tapprova din ir-rakkomandazzjoni għas-Segretarjat tal-Eureka u l-pajjiżi Eurostars b'mod sħiħ. It-tlestija tal-proċess tal-iffirmar tal-ftehimiet bilaterali li jibqa' hija kwistjoni ta' prijorità. Għandu jiġi żgurat li l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurostars jkunu l-kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti biex kwalunkwe proġett parteċipanti jiġi ffinanzjat fi kwalunkwe pajjiż parteċipanti. Il-konformità mar-regoli Eurostars hija essenzjali sabiex jiġi rilaxxat il-potenzjal għoli tal-programm b'mod sħiħ, issaħħaħ il-kredibbiltà fit-tul tiegħu u tiffaċilita l-proċess ta' integrazzjoni. Id-Deċizzjoni Eurostars tippredvi li jiġu rispettati sett ta' kriterji komuni u sett ta' regoli komuni għall-finanzjament ta' proġetti magħżula li huma parti minn lista ta' klassifikazzjoni komuni li jsegwu l-ordni li ġejja. Il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li dan l-impenn jiġi onorat totalment sabiex il-programm ikollu suċċess fit-tul.

#### *2.2.2. Is-“Somma Komuni Virtwali” (Virtual Common Pot (VCP))*

Eurostars beda l-programm ibbażat fuq mudell ta' finanzjament ta' “somma komuni virtwali”, li jfisser li l-pajjiżi u r-reġjuni jħallsu għall-parteċipanti tagħhom li japplikaw regoli nazzjonali eżistenti, billi japplikaw prinċipju ta' “qligħ ġust”. Madankollu, skont il-Ftehim ta'

<sup>13</sup> Seba' Ftehimiet Bilaterali li għadhom ma ġewx iffirmati

Delegazzjoni, miżuri konkreti għall-progress lejn “somma komuni reali” għandhom jiġu proposti f’nofs it-terminu mis-Segretarjat, bħala parti mill-proċedura ta’ integrazzjoni finanzjarja.

Il-Grupp iqis li l-VCP kien prinċipju ta’ organizzazzjoni xieraq għall-finanzjament tal-attività Eurostars. Madankollu, osserva wkoll li jekk pajjiż wieħed parteċipanti jispiċċalu l-baġit allokati, dan jista’ jaffettwa b’mod negattiv il-proġetti sussegwenti kollha b’parteċipanti li jeħtieġu finanzjament minn dak il-pajjiż.

Il-Grupp jirrakkomanda li *l-Eurostars għandu jibqa’ jiġi organizzat fuq il-bażi ta’ prinċipju ta’ “Somma Komuni Virtwali”*. Madankollu, huwa rakkomandat ukoll li *Programm Konġunt Eurostars jesperimenta bl-approċċ tal-allokkazzjoni ta’ 10% tal-fondi totali allokati għal Somma Komuni Reali, li tintuża biex tiffinanzja proġetti kklassifikati tajjeb ħafna li jirriskjaw li ma jiġux iffinanzjati minħabba kumplikazzjonijiet fuq il-livell tal-pajjiż.*

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-merti tas-“somma komuni virtwali” f’dan l-istadju tal-Programm Eurostars. Madankollu hemm tħassib li l-applikazzjoni kontinwa tas-“somma komuni virtwali” bħala mudell ta’ finanzjament jista’ jwassal għal rati ta’ suċċess żbilanċjati bejn il-pajjiżi Eurostars skont id-disponibilità tal-finanzjament nazzjonali, filwaqt li l-programm għandu jipprovdi “opportunitajiet indaqs” għall-SMEs fil-pajjiżi kollha u jiddependi b’mod sħiħ fuq il-prinċipju tal-eċċellenza.

Kif diġà indikat b’mod ċar fl-okkażjoni tal-Adozzjoni ta’ Programm Konġunt ta’ Riċerka u Żvilupp fil-Baħar Baltiku (BONUS) ibbażat fuq Artikolu 185 TFUE (ex-Artikolu 169 KE), is-“somma komuni reali”, filwaqt li mhix għan fiha nnifisha, hija mezz li jiggarrantixxi l-eċċellenza u l-impenn finanzjarju tal-Istati Membri għall-inizjattivi kollha relatati mal-finanzjament u l-kollaborazzjoni transkonfinali, li jibqa’ kruċjali għall-avvanz fit-tweġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Il-Kummissjoni għalhekk taqbel mar-rakkomandazzjoni li jiġi ttestjat tali approċċ parzjali ta’ “somma komuni reali”, li għandu jitlesta sal-2013. Il-Kummissjoni tistieden lis-Segretarjat tal-Eureka biex jipproponi miżuri rilevanti oħra għall-istess għan. Dan huwa b’mod konformi mal-prinċipju li għal kwalunkwe inizjattiva tal-Artikolu 185, huwa meħtieġ l-impenn sħiħ, kemm finanzjarju kif ukoll politiku, tal-Istati Membri u dan huwa kundizzjoni *sine qua non* biex jingħataw fondi Ewropej.

### **2.3. Il-kapaċità tal-SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp biex ikollhom aċċess għall-Eurostars**

Fuq il-bażi ta’ analiżi bir-reqqa permezz tal-użu tal-istħarriġ tar-reġistranti tal-Eurostars<sup>14</sup> b’mod partikolari u d-dejta tal-Istħarriġ tal-Innovazzjoni tal-Komunità<sup>15</sup> il-Grupp ikkonkluda li Eurostars huwa aċċessibbli faċilment u li r-regoli tiegħu jinftieħmu faċilment mill-applikanti, l-ispiża tal-applikazzjoni hija raġonevoli u l-għodod disponibbli jistgħu jintużaw faċilment.

Il-programm jidher li jattira prinċipalment SMEs diġà involuti f’kollaborazzjonijiet internazzjonali. Filwaqt li l-programm jidher li għandu potenzjal kbir biex jiffaċilita

<sup>14</sup> Is-Segretarjat tal-Eureka mniedi f’Mejju 2010 Stħarriġ tar-Reġistranti tal-Eurostars li laħaq 3182 reġistrant minn Cut-off 1 sa Cut-off 3. 442 reġistrant irrisponda. Ir-risultati tal-istħarriġ saru disponibbli għall-grupp tal-Esperti

<sup>15</sup> Il-Grupp uża xejriet differenti tal-Istħarriġ tal-Innovazzjoni Komunitarju.



kollaborazzjoni internazzjonali ta' Riċerka u Żvilupp ibbażata fuq esperjenzi preċedenti, hemm ftit evidenza ta' relazzjonijiet *de novo*, għalhekk l-impatt fuq il-ġenerazzjoni ta' sħubiji ġodda huwa limitat.

Il-Grupp jirrakkomanda li *s-Segretarjat tal-Eureka u l-Koordinaturi tal-Programm Nazzjonali (NPCs) tal-Eureka għandhom jippruvaw li sal-2013, iżidu l-effett tiegħu f'SMEs li m'għandhomx konnessjonijiet internazzjonali diġà eżistenti*.

Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni, filwaqt li tqis li l-Eurostars huwa mistenni li jikkumplimenta l-opportunitajiet offruti lill-SMEs minn strumenti eżistenti fit-tweġiq ta' riċerka internazzjonali, u li l-prinċipju ta' trasparenza huwa essenzjali għall-impatt b'suċċess tal-programm u għandu jiġi rrispettat kompletament.

Din tistieden lill-Segretarjat tal-Eureka u lill-pajjiżi tal-Eurostars biex jindirizzaw din il-problema u jsibu modi biex jattiraw SMEs ġodda billi jagħmlu l-programm aktar aċċessibbli u trasparenti. Fil-futur, l-attenzjoni primarja għandha tkun ukoll lejn l-indirizzar tal-SMEs bil-profil meħtieġ iktar milli jiġu reklutati iżjed SMEs.

Il-Kummissjoni se taħdem biex tiffaċilita l-interazzjoni u l-ħolqien ta' sinerġija ma' inizjattivi oħra tal-UE li jappoġġjaw in-netwerking bejn proponenti potenzjali, inklużi l-SMEs ġodda fir-riċerka internazzjonali.

## **2.4. Kwalità u effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-Eurostars**

Kif previst taħt reġim ta' ġestjoni indiretta ċentrali, is-segretarjat tal-Eureka li jaġixxi bħala l-Istruttura Dedikata tal-Implimentazzjoni huwa kompletament responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni operattiva/finanzjarja ta' Eurostars. Fl-analiżi tiegħu tal-attivitajiet differenti għall-implimentazzjoni tal-programm (sejthiet, evalwazzjoni, finanzjament, ġestjoni tal-proġett, monitoraġġ) il-Grupp isib li l-proċess jimxi mingħajr xkiel. Madankollu, dan jidentifika xi oqsma li jeħtieġu titjib, relatati l-iżjed mal-proċedura ta' evalwazzjoni: il-Grupp sab kumplessitajiet evidenti, l-ewwel nett, fl-allokazzjoni tal-fondi nazzjonali għall-proġetti, u t-tieni nett, f'negozjati kuntrattwali bejn l-applikanti li kellhom suċċess u l-Korpi ta' Finanzjament Nazzjonali.

### *2.4.1. Il-proċess ta' evalwazzjoni ċentrali*

L-evalwazzjoni ssegwi proċedura f'żewġ stadji: evalwazzjoni tal-bidu mill-esperti tekniċi u evalwazzjoni oħra mill-Bord ta' Evalwazzjoni Indipendenti li jipproċedu wkoll bil-klassifikazzjoni ġenerali tal-proposti.

F'dak li jirrigwarda l-esperti tekniċi, il-Grupp jirrakkomanda li s-Segretarjat tal-Eureka jieħu l-passi meħtieġa biex, sat-tmiem l-2013, jikseb *żieda fl-għadd tagħhom iżda fl-istess ħin iżomm livell għoli ta' kompetenza u bilanċ aħjar tal-kompetenza teknika u tas-suq fi ħdan il-konsorzju kif ukoll bilanċ ġeografiku aħjar tal-esperti fil-pajjiżi parteċipanti*.

F'dak li jirrigwarda l-Bord ta' Evalwazzjoni Indipendenti (IEP), il-Grupp jirrakkomanda li *għandu jiġi allokati aktar żmien lill-membri tal-IEP għal analiżi iktar preċiża tal-proposti li għandhom jiġu kklassifikati u r-reazzjonijiet aktar preċiżi u sistematiċi għandhom jiġu pprovduti lill-applikanti tal-proġett u lill-esperti tekniċi*.

Kif jindika korrettament ir-rapport, is-suċċess tal-Eurostars jiddependi fuq il-kredibbiltà tal-proċess kollu ta' evalwazzjoni. Tliet aspetti tal-proċess ta' evalwazzjoni huma partikolarment importanti f'dan ir-rigward: l-imparzjalità, il-kwalità u l-ħin.

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq. B'mod partikolari, l-esperti jeħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja biex jevalwaw ukoll l-impatt soċjoekonomiku tal-proġetti, wieħed mill-karatteristiċi partikolari ta' Eurostars.

Il-Kummissjoni tfakkar li t-trasparenza tal-proċedura kollha hija prinċipju ewlieni li hija bbażata fuq d-deċiżjoni "Eurostars". Għalhekk taqbel kompletament mat-talba mill-Grupp għat-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni mogħtija mill-evalwaturi lill-applikanti.

Il-Kummissjoni tteġġeg lis-Segretarjat tal-Eureka biex jieħu l-passi meħtieġa biex itejjeb il-kwalità tal-evalwazzjonijiet, mir-reklutaġġ u l-għażla tal-esperti, bl-użu pereżempju ta' konnessjoni iktar faċli għall-utent għall-għodda tal-applikazzjoni biex wieħed isir espert fil-websajt pubblika Eurostars u permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Koordinaturi tal-Programm Nazżjonali Eureka sabiex jitwettqu dawn il-kompiti.

#### 2.4.2. *Finanzjament deċentralizzat - żmien sal-kuntratt*

It-tieni sett ta' rakkomandazzjonijiet operattivi li għandu jiġi implimentat sal-2013 jirreferi għall-proċess ta' finanzjament, fejn il-livell nazżjonali jkun l-attur ewlieni. Il-Grupp isib li l-proċess ta' implimentazzjoni jvarja b'mod pjuttost sostanzjali bejn il-pajjiżi. Huwa importanti li l-Eurostars jikseb livell għoli ta' armonizzazzjoni madwar il-pajjiżi li tilħaq prestazzjoni operattiva omoġenja u żieda fl-effiċjenza globali tal-programm. Ladarba proposta tkun ġiet magħżula għal finanzjament, tibda l-fażi tan-negożjati bejn kull applikant u l-korp tal-finanzjament nazżjonali tiegħu. Il-Grupp identifika din il-fażi bħala l-iktar waħda kumplessa.

Il-Grupp iqis li *t-tnaqqis taż-żmien sal-kuntratt* (definit bħala ż-żmien bejn id-data tal-limitu tas-sejħiet u d-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja) *għandu jibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-partijiet interessati kollha tal-programm Eurostars ul-pajjiżi parteċipanti huma mistiedna li jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri neċessarji.*

Il-Grupp jissuġġerixxi wkoll azzjonijiet possibbli biex jitnaqqas iż-żmien sal-kuntratt: evalwazzjoni finanzjarja preċedenti mil-livell nazżjonali; biex is-Segretarjat jissorvelja u jiddiskuti ma' pajjiżi 'li jimxu iktar bil-mod; skadenzi komuni u iktar stretti għall-iffirmar tal-konsorzju u ftehim ta' għotja.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq, u tinkoraġixxi lill-pajjiżi Eurostars biex kemm jista' jkun possibbli, iħaffu l-proċeduri fl-amministrazzjonijiet nazżjonali. L-għan, kif previst fil-Ftehim ta' Delegazzjoni<sup>16</sup> bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Eureka, kien li jiġi ffirmat il-ftehim ta' għotja individwali mal-partiċipanti tal-proġett sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-limitu, sa nofs it-terminu tal-programm. Filwaqt li għandha l-istess perspettiva tal-Grupp, il-Kummissjoni tteġġeg lis-Segretarjat biex ikompli bl-isforzi tiegħu fil-monitoraġġ taż-żmien sal-kuntratt u fl-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki.

<sup>16</sup> Ftehim ta' Delegazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars (30-CE-0270684/00-14) tad-19.06.2009 bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Eureka AISBL

### 3. KONKLUŻJONIJIET

Fl-ewwel snin tiegħu, il-Eurostars wera potenzjal tajjeb bħala programm ta' interess għal SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp, u appoġġjat l-innovazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk se tkompli tappoġġja l-programm attwali sal-2013 kif previst.

Wara li beda fl-2008, il-prestazzjoni operattiva tal-programm għadha teħtieġ titjib ulterjuri. F'dan ir-rigward, il-miżura ewlenija għas-suċċess hija tnaqqis sostanzjali taż-żmien sal-kuntratt.

Minn perspettiva usa', il-proċedura ta' integrazzjoni tal-programmi nazzjonali parteċipanti jeħtieġ li tiġi rinfurzata. Għalhekk, is-Segretarjat tal-Eureka u l-pajjiżi Eurostars għandhom jagħmlu sforzi akbar biex iħaffu l-armonizzazzjoni tar-regoli nazzjonali b'rispett totali għall-kriterji u l-proċeduri ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni tal-Eurostars Komuni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkun involuta b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar is-segwitu possibbli għall-programm Eurostars attwali fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, mingħajr preġudizzju għall-preparazzjoni tal-Qafas Strateġiku Komuni għall-finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-UE, filwaqt li jitqies il-kuntest politiku usa' tal-Inizjattiva Ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011.